# JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS - 2000

EDUCATIONAL ASSESSMENT UNIT - EDUCATION DIVISION

**FORM 2** **RELIGION** **Time 1½ hours**

**Name:**________________________ **Class:**________

## A. Wieġeb fil-Qosor

1. X'ġara nhar Pentekoste?

___

2. Liema hija t-talba li biha aħna nuru l-għaqda tagħna l-insara bħala familja waħda?

___

3. Semmi żewġ kotba tal-Bibbja li nkitbu minn San Luqa.

___

4. Semmi żewġ affarijiet meħtieġa biex grupp jibqa' magħqud.

___

5. X'inhu t-talb?

___

6. Fejn kienet tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija fl-ewwel żminijiet tal-Knisja?

___

7. Semmi tnejn mill-firdiet li kienu jeżistu fi żmien Ġesù.

___

8. Semmi tnejn mid-djar li l-Knisja f'Malta għandha biex tgħin lil min hu fil-bżonn.

___

9. X'tifhem bi 'Knisja Katttolika'?

___

10. Għaliex l-aħħar konċilju jissejjaħ il-'Konċilju Vatikan II'?

___

(20 marks)

## B. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:

| |
|---|
| firda -- Atti ta' l-Appostli -- qalb -- karità -- Madre Teresa -- Quddiesa -- dixxipli -- għammduhom -- martri -- komunità |

1. Fil-Ktieb ta' l-______________________________ insibu l-ġrajjiet u l-ħidma ta' l-Appostli Pietru u Pawlu.
2. San Stiefnu kien l-ewwel ____________________.
3. Ġesù tkellem bil-qawwa kollha kontra l-__________________ li ġġib il-ħsara u l-mewt.
4. Il-__________________________ hija ċ-ċelebrazzjoni ta' l-insara f'għaqda ma Ġesù Kristu.
5. Mara li kienet meqjusa bħala l-aqwa appostlu tal-fqar fi żmienna hija ________ _______________.
6. "Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u _______________________ fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu."
7. Ġesù jrid li l-insara jkunu ______________________ ta' ħbieb tassew.
8. Aħna għandna naħfru bien inkunu tassew ____________________ ta' Ġesù.
9. L-imħabba lejn il-fqir u l-batut hija l-ikbar sinjal ta' ____________________.
10. Huwa l-ħażen fil-moħħ u fil- _____________________ tal-bniedem li jkisser il-komunikazzjoni.

(10 marki)

## C. Fisser (f'sentenza) dan il-kliem.

1. Ruħ il-Qodos. ________________________________________________
2. Djakni. ________________________________________________
3. Salm Responsorjali. ________________________________________________
4. Martirju. ________________________________________________
5. Enċiklika. ________________________________________________

6. Ittra Pastorali. ____________________

____________________

7. Ordni Sagri. ____________________

____________________

8. Appostlu. ____________________

____________________

9. Il-Patt tas-Sinaj.____________________

____________________

10. Caritas (Malta). ____________________

____________________

(30 marka)

## D. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

### IL-FIDI TAL-MARA SIROFENIĊJA

**Minn hemmhekk** (Ġesù) telaq u mar fl-inħawi tal-belt ta' Tir. Daħal joqgħod f'dar, u ried li ħadd ma jsir jaf. Iżda ma setax ikun li jinħeba, għax malajr semgħet bih waħda mara li kellha bintha maħkuma minn spirtu ħażin, u marret tinxteħet f'riġlejh. Issa din il-mara kienet Griega, Sirofeniċja min-nisel tagħha. Bdiet mela titolbu biex ikeċċi x-xitan minn ġo bintha.

U hu qalilha: "L-ewwel ħa jixbgħu l-ulied, għax mhux sew li tieħu l-ħobż ta' l-ulied u tixħtu lill-ġriewi."

Iżda hi weġbitu u qaltlu: "Hekk hu, Mulej, imma taħt il-mejda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak mill-ħobż tat-tfal."

Mbagħad qalilha: "Għal din il-kelma li għedt, mur, ix-xitan ħareġ minn bintek." U x'ħin marret id-dar sabet it-tifla mimduda, u x-xitan ħareġ minnha.

Mistoqsijiet:

| | MARKI |
|---|---|
| 1. Minn liema nisel kienet il-mara li tissemma f'din il-ġrajja? | |
| ____________________ | 1 |

MARKI

2. X'talbet din il-mara lil Ġesù ?

______________________________________________ 2

3. X'weġibha Ġesù bies juriha li hu ġie fid-dinja prinċipalment għal-Lhud?

______________________________________________ 2

4. Xi tweġiba tat il-mara lil Ġesù ?

______________________________________________ 2

5. X'nitgħallmu minn din il-ġrajja?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ 3

---

E. **Agħżel TNEJN minn dawn li ġejjin (1, 2, jew 3) u ikteb madwar 80 kelma fuq kull wieħed.** (Ikteb fuq karta separata.)

1. a) X'inhi l-Quddiesa?

   b) Għaliex meta nirċievu l-Ewkaristija ngħidu li qegħdin 'nitqarbnu'.?

   c) Semmi l-partijiet differenti tal-Quddiesa li fihom tieħu sehem il-komunità (eż. l-Att Penitenzjali).

2. Ikteb dwar dawn il-qaddisin kbar li taw eżempju ta' mħabba ġeneruża lejn il-batut.

   a. San Vinċenz de Paule.

   b. San Lawrenz

   c. Il-Qaddisa Jean Jugan

   d. San Ġwann Bosco

   e. San Ġwann Battista de La Salle.

3. a) Għalfejn Ġesù għażel l-appostli?

   b) X'kien ix-xogħol ta' l-appostli fil-Knisja?

   c) Għaliex aħna llum nitgħallmu r-reliġjon fil-klassi?

(30 marka)